*dak li jitlob il-para. (a) tas-subartikolu 9(2) tal-Kap. 380 mingħand il-parti li tixtieq tappella, huwa biss formalità li n-nuqqas tiegħu ma jwassal għall-ebda konsegwenza wisq inqas dik tan-nullità tal-appell – l-inammissibbiltà tal-appell skont is-subartikoli 8(2) u (3) tal-Kap. 830 tal-Liġijiet ta' Malta*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 192/2022 LM

**Yellow Pages Malta Limited (C 11814)**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Daniele Baraggioli (0149146A)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Yellow Pages Malta Limited (C 11814)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn sentenza

mogħtija fil-21 ta' Frar, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tagħha fil-konfront tal-intimat **Daniele Baraggioli (K.I. nru. 0149146(A))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:*
>
> *i. Jilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u kwindi jiddikjara li l-konvenut* proprio *mhuwiex leġittimuu kontradittur;*
>
> *ii. Konsegwentement, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba prinċipali, tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tal-kontro-talba.*
>
> *L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi."*

## Fatti

2. Il-każ odjern jirrigwarda servizzi ta' reklamar allegatament ipprovduti mis-soċjetà appellanta lill-appellat.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta għalhekk istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fis-27 ta' Ġunju, 2022 fejn talbet l-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1. Jiddikjara lill-konvenut debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sebgħa mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa ċenteżmi (€797.04); u*
>
> *2. Jikkundanna lill-konvenut iħallas l-imsemmi ammont ta' sebgħa mija sebgħa u disgħin ewro u erbgħa ċenteżmi (€797.04), jew somma oħra li t-Tribunal jiddeċiedi li hi dovuta.*

*Bl-ispejjeż tal-proċeduri odjerni, dawk tal-ittri bonarji u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv."*

4. L-appellat wieġeb fl-20 ta' Settembru, 2022 fejn eċċepixxa s-segwenti: (a) it-talba tas-soċjetà appellanta kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; (b) is-servizzi in kwistjoni ġew offruti lis-soċjetà Big D Ltd u mhux lilu, u għaldaqstant huwa ma kienx il-leġittimu kuntradittur; (ċ) is-soċjetà appellanta kellha tagħti prova ċara dwar l-ammonti pretiżi; (d) is-soċjetà appellanta m'offrietx is-servizz li kienet wegħdet lis-soċjetà Big D Ltd; (e) id-direttur tas-soċjetà Big D Ltd kien ġibed l-attenzjoni tas-soċjetà appellanta għal diversi drabi; (f) is-soċjetà Big D Ltd baqgħet ma rċevietx is-servizz imwiegħed lilha mis-soċjetà appellanta; (ġ) it-talbiet tas-soċjetà appellanta għandhom jiġu miċħuda; (h) u salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Flimkien mar-risposta tiegħu, l-appellat ippreżenta kontro-talba fejn filwaqt li ddikjara li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha kif patwiti bejnha u s-soċjetà Big D Limited, it-Tribunal intalab:

*"1. Jiddikjara li s-soċjetà Yellow Pages Malta Ltd naqset li tonora l-obbligi tagħha lejn is-soċjetà rikorrenti;*

*2. Jiddikjara li minħabba dawn in-nuqqasijiet, is-soċjetà esponenti sofriet danni;*

*3. Jillikwida kwalunkwe dannu skont kif dedott fit-tieni talba;*

*4. Jikkundanna lil Yellow Pages Malta Ltd tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' ħames mija u disgħin Ewro (€590) u/jew somma verjuri.*

*Bl-ispejjeż u drittijiet u l-imgħax legali sal-ħlas tal-pagament effettiv, kontra Yellow Pages Malta, li rappreżentanti tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni."*

5. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-18 ta' Ottubru 2022 fejn eċċepiet is-segwenti: (a) it-talbiet tal-appellat kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex is-servizzi ngħataw lilu fl-intier tagħhom kif

mitlub; (b) l-appellat għandu jippreżenta d-debita prova tal-ispejjeż u tad-danni dovuti; u salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

6. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*It-Tribunal sejjer jibda billi jindirizza l-eċċezzjoni li tirrigwarda min huwa fil-fatt leġittimu kontradittur.*

*Id-dokument "A" (fol. 2), ippreżentat mis-soċjetà attriċi, huwa* Invoice *għal €590.04 indirizzata lil "*Big D*" għal servizzi reżi bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-28 ta' Frar 2022.*

*Imbagħad, għal xi raġuni, l-ittra bonarja datata 24 ta' Frar 2022 mibgħuta mill-avukat tas-soċjetà attriċi (li tagħha hemm kopja a fol. 3) hija indirizzata lil* "Mr Daniele Baraggioli, Big D, Triq il-Ħawwar, Iklin".

*It-tieni ittra bonarja, datata 7 ta' Marzu 2022 (fol. 4), hija wkoll indirizzata lil* "Mr Daniele Baraggioli, Big D...", *għalkemm mibgħuta f'indirizz differenti.*

*Jidher ukoll li meta l-avukat tas-soċjetà attriċi kkomunika mal-avukat tan-naħa l-oħra (fol. 5), huwa kiteb, fost affarijiet oħrajn (enfasi tat-Tribunal):*

> "I write on behalf of Yellow Pages Malta Limited of Directories Building, Triq il-Pitkali, Marsa in connection with the debt due by your client Big D Limited/Capt. Daniele Baraggioli.
>
> **Big D Limited is a customer of Yellow** with an outstanding debt of €590.04, as per the issued invoice numbered INV-11839 and the activity statement enclosed."

*Imbagħad, hemm dokument (fol. 6) li jidher li huwa* statement of activity. *Dan id-dokument huwa indirizzat lil* "Big D" u *jgħid li l-ammont dovut huwa ta' €590.04 għal bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u t-30 ta' April 2022.*

*F'dan l-istadju, it-Tribunal jinsab pjuttost konfuż billi l-*invoice *a fol. 2 tindirizza servizz reżi* ***bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-28 ta' Frar 2022*** *filwaqt li l-*invoice *a fol. 6*

*tindirizza servizzi reżi* ***bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u t-30 ta' April 2022.*** *Huwa ċar li hemm xi* overlap.

*Fit-3 ta' Mejju 2022 u fil-11 ta' Mejju 2022 (fol. 7 u fol. 8), is-soċjetà attriċi bagħtet żewġ ittri bonarji oħra indirizzati "*Mr Daniele Baraggioli, Big D...".

*Sharon Zammit Tabona ppreżentat affidavit li fih qalet li hija kienet impjegata mas-soċjetà attriċi u li fis-sena 2022 ħadet f'idejha l-*brief *titolata "*Big D, Boat & Dinghy Repair", *li qalet kienet il-kumpannija ta' Daniele Baraggioli. Aktar tard, hija qalet li "...*meta ġiet aċċettata l-ordni tas-sur Baraggioli, il-kumpannija kienet 'Big D' u mhux 'Big D, Boat & Dinghy Repair". *Jidher mid-dokument li jinsab a fol. 26 tal-proċess li erba' minuti wara li Amy Gharsella (f'isem is-soċjetà attriċi) bagħtet stima, din ġiet aċċettata minn ċertu "*Zoho Books". *Dan ma ġiex kontradett mill-konvenut. Fil-fatt, meta huwa xehed (fol. 34 u 35), huwa kkonfera li l-kuntatt bejn il-partijiet sar f'Settembru 2020.*

*It-Tribunal xorta għandu quddiemu l-fattli fid-dokument li jinsab a fol. 5 tal-proċess, l-avukt tas-soċjetà attriċi qal ċar u tond li l-klijent tas-soċjetà attrici kienet Big D Limited. Matul dawn il-proċeduri, għalkemm is-soċjetà attrici kienet taf ben tajjeb bl-eċċezzjoni mqanqla mill-konvenut, qatt ma talbet li Big D Limited tkun imsejħa fil-kawża, u lanqas talbet li l-okkju jkun emendat b'mod li jsir jolqot lill-konvenut personalment kif ukoll in rappreżentanza ta' Big D Limited. Dan in-nuqqas huwa unikament imputabbli lis-soċjetà attriċi.*

*Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***<u>Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et</u>*** *(deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001), it-Tribunal huwa tal-fehma li bl-għażla tas-soċjetà attriċi li fid-dokument a fol. 5 tal-proċess tindika lil Big D Limited bħala l-klijent tagħha, kif ukoll bl-għażla tas-soċjetà attriċi li durante din il-kawża qatt ma talbet li Big D Limited tkun imsejħa fil-kawża u lanqas talbet li l-okkju jkun emendat b'mod li jsir jolqot lill-konvenut personalment kif ukoll in rappreżentanza ta' Big D Limited, hija effettivament wittiet it-triq sabiex l-eċċezzjoni relattiva tal-konvenut tirnexxi.*

*Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u kwindi jiddikjara li l-konvenut* proprio *mhuwiex leġittimu kontraditttur.*

*Għal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, it-Tribunal josserva li għalkemm il-kontro-talba hija miktuba b'mod li qisha saret minn Big D Limited u mhux minn Daniele Baraggioli, il-kontro-talba m'għandhiex ħajja indipendentement mit-talba prinċipali u għalhekk, ladarba Daniele Baraggioli ġie indikat bħala l-konvenut, il-kontro-talba tista' titqies biss bħala ppreżentata minnu u minn ħadd aktar. Għalhekk, ladarba t-Tribunal diġà*

*ddikjara li Daniele Baraggioli* proprio *mhuwiex leġittimu kontradittur, il-kontro-talba ma tistax titqies.".*

## L-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2023, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"...jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar tas-sena 2023 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tal-appellat, tgħaddi sabiex (1) tiddikjara lill-konvenut leġittimu kontradittur f'din il-kawża (2) tiddikjara lill-konvenut debitur tas-soċjetà appellanti fl-ammont ta' seba' mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa ċenteżmi (Euro 797.04) u (3) tikkundanna lill-konvenut illum appellat iħallas l-imsemmi ammont ta' seba' mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa ċenteżmi (Euro 797.04) lis-soċjetà appellanti, bl-interessi u bl-ispejjez kif mitlub."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (b) it-Tribunal naqas li jinterpreta l-liġi kif kellha tiġi nterpretata.

8. L-appellat wieġeb fit-30 ta' Marzu, 2023 fejn issottometta li l-appell odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta, għal dawk ir-raġunijiet li huwa jgħaddi sabiex ifisser fit-tweġiba tiegħu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li *l-ewwel aggravju* tagħha huwa li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi, u dan fejn l-appellat kien ammetta inekwivokament permezz tax-xhieda tiegħu tal-15 ta' Novembru, 2022, li huwa kien aċċetta s-*sales order* li ntbagħtet b'mod elettroniku u tinsab esebita bħala Dok. YP4. Tirrileva li dan il-fatt saħansitra ġie kkonfermat mit-Tribunal stess. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-appellat kien ukoll qara t-*terms and conditions* li jidhru fis-*sales order,* u hawnhekk hija tagħmel riferiment għal Dok. YP2 u għax-xhieda tal-appellat stess. Hija tagħmel riferiment għall-artikolu 1.3 tal-imsemmija *terms and conditions,* speċifikament għad-definizzjoni ta' garanti, u tikkontendi li l-appellat bħala l-persuna li kien għamel l-ordni kien meqjus bħala garanti. Issostni li r-rekwiżiti tat-*terms and conditions* kienu ġew sodisfatti għaliex saret it-talba tal-ħlas mingħand l-appellat, li min-naħa tiegħu baqa' inadempjenti, u għalhekk hija kienet daret fuq il-garanti. Is-soċjetà appellanta targumenta li l-appellat ma seta' qatt iffirma f'isem Big D Ltd għaliex id-dokument imsemmi ma kienx jagħmel riferiment għal soċjetà, u ma saret l-ebda prova li Big D hija soċjetà. Għalhekk tgħid li Big D m'għandha l-ebda personalità ġuridika u hija biss *trade name* tal-appellat, u b'hekk dan kien inkariga personalment lis-soċjetà appellanta. Hawnhekk is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għall-affidavit tax-xhud Sharon Zammit Tabona, u tissottometti li dan kollu kien ġie spjegat sew minn din ix-xhud. Tgħid li huwa tassew ironiku li l-appellat illum qiegħed jinsisti li huwa mhux leġittimu kuntradittur, iżda agħar minn hekk it-Tribunal aċċetta l-eċċezzjoni tiegħu meta saħansitra huwa kien aċċetta l-offerta wkoll bħala garanti, sabiex b'hekk kien doppjament responsabbli lejha li kellha kull dritt li tagħżel li ddur fuqu f'ismu personali. Dwar ***it-tieni aggravju*** tagħha, is-soċjetà appellanta tirrileva li garanti li jagħmel

tajjeb huwa responsabbli b'mod solidali mad-debitur, u l-kreditur għandu kull dritt li jagħżel li jdur fuq wieħed minnhom jew fuqhom it-tnejn. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-obbligazzjonijiet *in solidum* kif jipprovdi għalihom l-artikolu 1094 tal-Kap. 16. Tiċċita wkoll l-artikolu 1096 tal-istess liġi, u tinsisti li hija kellha l-prerogattiva li ddur kontra l-appellat personalment, u dan fejn irriżultalha li 'Big D' kienet sempliċement *tradename* u mhux persuna ġuridika. Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-uniku persuna ġuridika kienet u għadha l-appellat.

11. L-appellat jilqa' billi qabel xejn jirrileva li l-appell odjern huwa null għaliex mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 9(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex is-soċjetà appellanta kienet naqset li tinforma lill-ġudikant dwar l-intenzjoni tagħha li tappella mis-sentenza appellata. Jikkontendi wkoll li skont is-subartikolu 8(3) tal-istess liġi, is-soċjetà appellanta m'għandha l-ebda dritt li tintavola l-appell odjern stante li t-talba għall-ħlas hija fl-ammont ta' €797.04. Jirrileva wkoll li l-aggravji tal-imsemmija soċjetà appellanta mhumiex imsejsa fuq il-kriterji elenkati fis-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380. L-appellat jissolleva kwistjoni oħra proċedurali billi jgħid li s-soċjetà appellanta kienet taf sew li huwa kien ta' nazzjonalità Taljana, iżda ma ppreżentat l-ebda traduzzjoni bl-Ingliż tar-rikors tal-appell tagħha sabiex b'hekk ikkawżat inkonvenjenza lilu, filwaqt li kisret id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar *l-ewwel aggravju* tas-soċjetà appellanta, jirrileva li din warrbet għal kollox il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal meta dan iddeċieda dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Jikkontendi li dawn il-konsiderazzjonijiet juru l-konfużjoni tas-soċjetà appellanta fejn din filwaqt li ppreżentat it-talba tagħha fil-konfront tiegħu, injorat il-fatt li kienet is-soċjetà

Big D Ltd il-leġittimu kuntradittur tal-azzjoni tagħha. Jgħid li agħar minn hekk, is-soċjetà appellanta qiegħda tkompli tinsisti li 'Big D' hija sempliċement *tradename* meta huwa ċar mill-atti li din il-kumpannija għandha saħansitra numru ta' reġistrazzjoni li ġie wkoll indikat fil-kontro-talba. Filwaqt li l-appellat jiċċita diversi osservazzjonijiet li saru mit-Tribunal, isostni li l-azzjoni tas-soċjetà appellanta ma rnexxietx minħabba diversi żbalji tagħha stess li ma tistax tippretendi li kellhom jiġu mwarrba mit-Tribunal jew li dan isewwi d-difetti fit-talba ppreżentata minnu. L-appellat jirrileva li l-eċċezzjoni tiegħu li huwa ma kienx leġittimu kuntradittur kienet ingħatat fir-risposta tiegħu u għalhekk is-soċjetà appellanta kellha kull opportunità li tirribattiha. Hawnhekk huwa jinsisti fuq il-prinċipju li skont hu jinsab stabbilit fil-liġi u anki fil-ġurisprudenza, jiġifieri li kumpannija reġistrata għandha personalità legali separata mid-diretturi tagħha, u għalhekk tista' taġixxi indipendentement minnhom. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u dik estera, kif ukoll għall-Kap. 386, partikolarment għall-artikolu 77 tiegħu, u għall-Kap. 249, jikkontendi li s-soċjetà appellanta kienet żbaljata meta ressqet l-azzjoni tagħha fil-konfront tiegħu bħala direttur tas-soċjetà Big D Ltd u mhux kontriha stess, meta rriżulta b'mod ċar li s-servizzi ġew mogħtija lilha. Hawnhekk huwa jagħmel aċċenn fuq il-kontenut tar-reklam, il-korrispondenza bejn il-partijiet, il-kontijiet li ntbagħtu mis-soċjetà appellanta, l-ittri bonarji li ntbagħtu mir-rappreżentanti legali tas-soċjetà appellanta u għax-xhieda *viva voce* ta' Sharon Zammit Tabona għan-nom tas-soċjetà appellanta u anki dik tiegħu stess. Isostni li għalhekk huwa għal kollox irrilevanti dak li hemm miktub fit-*Terms & Conditions* tas-soċjetà appellanta jekk dawn imorru kontra d-dispożizzjonijiet u l-ispirtu tal-liġi. Jirrileva li t-Tribunal mhux marbut bir-regola tal-aħjar prova u hawnhekk huwa

jagħmel riferiment għas-sentenza kif konfermata minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2022 fl-ismijiet **Lawrence D'Amato *vs.* Colin Schiavone**, u jissottometti li huwa inutli li s-soċjetà appellanta tilmenta dwar l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal meta hija kienet naqset milli tressaq prova in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha, filwaqt li l-ftit evidenza li ressqet kienet kontradittorja. Dwar *it-tieni aggravju*, l-appellat jgħid li hawnhekk is-soċjetà appellanta qiegħda tagħmel tentattiv dgħajjef sabiex tiġġustifika l-mankanzi tagħha. Jgħid li l-argument tagħha saħansitra jmur kontra l-prinċipju ta' personalità legali distinta ta' korp ġuridiku li huwa stabbilit fil-liġi u anki fil-każistika. Filwaqt li l-appellat jagħmel riferiment għal dak li qal l-awtur Prof Andrew Muscat fil-ktieb **The Principles of Company Law**, u anki jiċċita estensivament mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta' Diċembru, 2007, kif ikkonfermata minn din il-Qorti diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Maltacom plc *vs.* Mark Gaffarena et**. Jikkontendi li għalhekk direttur ta' kumpannija ma jistax jitqies li huwa responsabbli *in solidum* kif qiegħda tinsisti s-soċjetà appellanta, u dan sakemm ma jkunx hemm evidenza ċara u titressaq prova li d-direttur kien qed jaġixxi b'mod kuntrarju għal-liġi u jinqeda bil-kumpannija għal skopijiet illegali. Iżda peress li dan mhuwiex il-każ hawnhekk, isostni li din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda. Għal dak li jirrigwarda l-kontenzjoni tas-soċjetà appellanta li hija kienet imxiet fuq l-informazzjoni li kellha f'dak iż-żmien li ntavolat l-azzjoni tagħha, l-appellat jgħid li kien jinkombi fuqha li tippreżenta l-atti b'mod korrett u ma tistax tippretendi li l-qrati għandhom jagħmlu tajjeb għat-traskuraġni tagħha.

12. Il-Qorti tibda billi tikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari li qiegħed jissolleva l-appellat. Dwar l-ewwel eċċezzjoni fejn filwaqt li jiċċita d-

dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 9(2) tal-Kap. 380, jirrileva li s-soċjetà appellanta naqset milli tikkomunika lill-ġudikant li hija kienet intenzjonata tappella mid-deċiżjoni u għaldaqstant l-appell odjern huwa null, tgħid dak li jitlob il-para. (a) tas-subartikolu 9(2) tal-Kap. 380 mingħand il-parti li tixtieq tappella, huwa biss formalità li n-nuqqas tiegħu ma jwassal għall-ebda konsegwenza wisq inqas dik tan-nullità tal-appell.

13. L-appellat jirrileva wkoll li s-soċjetà appellanta m'għandha l-ebda jedd fil-liġi li tressaq l-appell odjern għaliex l-ammont pretiż huwa inqas minn dak stabbilit bħala l-minimu mis-subartikolu 8(3) sabiex isir appell. Il-Qorti filwaqt li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, kif ukoll dawk tas-subartikolu 8(2) tal-istess liġi, tgħid li l-appellat għandu raġun. Tagħraf li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellanta huwa tassew inqas mill-minimu stabbilit mis-subartikolu 8(3) li jagħti dritt lill-partijiet jappellaw mid-deċiżjoni tat-Tribunal fejn il-pretensjoni tagħhom għall-ħlas taqbeż il-minimu ta' €1,500. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu huma ċari u għaldaqstant is-soċjetà appellanta kienet prekluża milli tappella s-sentenza appellata. Iżda ikkunsidrat ukoll li l-ammont pretiż jaqa' taħt il-minimu msemmi, u hija kienet miżmuma milli tintavola appell taħt is-subartikolu 8(2). Il-Qorti tirrileva li l-ebda wieħed mill-erba' paragrafi taħt dan is-subartikolu m'huma applikabbli fil-każ odjern, fejn qatt ma ġew sollevati matul il-proċeduri ċ-ċirkostanzi espressi fl-ewwel tliet paragrafi (a), (b) u (ċ), filwaqt li s-soċjetà appellanta kif sewwa jirrileva l-appellat, imkien fir-rikors tal-appell tagħha tallega li hemm lok għall-applikazzjoni tal-aħħar paragrafu. Il-Qorti tikkunsidra ulterjorment li kien tassew jispetta lilha, bħala l-parti appellanti, li tfisser kif hija milquta minn

preġudizzju riżultat ta' nuqqas ta' imparzjalità u ekwità min-naħa tat-Tribunal, sabiex b'hekk l-appell tagħha jkun fondat fil-liġi. Dan naqqset milli tagħmlu, u għaldaqstant il-Qorti tqis li m'għandhiex il-kompetenza li ttitratta l-appell odjern.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell odjern irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**